MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 178/2009

**A B f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri J B nominata b'digriet tad-9 ta' Gunju 2009**

**vs**

**1. C D**
**2. Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-esponenti u l-konvenut C D kellhom relazzjoni u minn din ir-relazzjoni twieled tarbija li jismu J B li illum ghandu kwazi sentejn u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid Dok "A";

Illi l-esponenti kienet bghatet ittra ufficjali datata 9 ta' April 2008 u dan ai termini tal-Artiklu 85 tal-Kap 16 tal-Ligijiet

ta’ Malta u l-intimat kien notifikat b’din l-ittra ufficjali u fit-terminu moghti lilu skond il-Ligi l-intimat ma opponiex ghal din l-ittra ufficjali u dan kif jirrizulta mill-anness Dok “B”;

Illi l-esponenti kemm il-darba ippruvat tirranga bonarjament u xorta l-intimat ma riedx jasal ghall-ebda ftehim u ghalhekk kellha issir din il-kawza;

Illi l-attrici ghandha interess li tigi dikjarata l-paternita tal-minuri J B;

Talbet ghalhekk li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi l-intimat C D huwa l-missier naturali tal-minuri J B li twieled fil-25 ta’ Awissu 2007;
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri billi minflok dik il-parti fejn hemm ddikjarat ghad-dettalji ta’ missier it-tarbija fejn hemm miktub isem u kunjom missier it-tarbija huwa “unknown” jitnizzlu l-kliem l-isem l-intimat jigifieri C D u l-partikolaritajiet relattivi tal-istess C D u jigu korretti konsegwentement billi jigu sostitwiti b’dawk il-partikolaritajiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smigh;
3. Tordna lill-intimat jaghti manteniment adekwat lill-esponenti ghall-bzonnijiet tal-minuri J B;

Bl-ispejjes kontra l-intimat jew minn minnhom li huwa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x’jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji għalkemm f’dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha

konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi bla ħsara għall-premess f'każ li tintlaqa' l-ewwel t-talba attriċi l-esponenti jinvita lill-intimat C D sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieled il-minuri J B, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled il-tifel J B. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit J B;

3. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandhu jassumi l-minuri J a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, b'referenza għat-tielet talba tar-rikorrenti l-esponenti jwieġeb li huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur tagħha;

5. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C D, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Illi fir-rigward ta' l-ewwel talba, l-esponenti ma jaqbilx illi huwa  l-missier naturali tal-minuri J B;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma kien hemm l-ebda relazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-esponenti, u jekk mir-rizultat tat-testijiet genetici jirrizulta illi l-minuri huwa iben l-esponenti, l-esponenti ma ghandux ibati l-ispejjez tat-testijiet genetici u dan stante l-fatt li l-esponenti gie ingt mir-rikorrenti;

Illi fir-rigward tat-tieni talba rikorrenti, l-esponenti qieghed jirrimetti ruhu ghal kull ordni moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Illi t-tielet talba rikorrenti hija nsostenibbli f'dan l-istadju stante illi l-ewwel il-partijiet jridu jghaddu mill-process ta' medjazzjoni u huwa biss f'kaz li l-partijiet ma jaslux fi ftehim, illi it-tielet talba tigi deciza minn dina l-Onorabbli Qorti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut C D;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici xehdet illi kellha relazzjoni mal-konvenut C D u din ir-relazzjoni kienet ta' natura intima.  Kienu anke ippjanaw sabiex jixtru post flimkien peress illi l-konvenut C D kien isseparat minn mal-mara tieghu.  L-attrici xehdet illi dak iz-zmien kienet isseparat minn mar-ragel taghha u iz-zwieg taghhom kien gie ukoll annullat.  Xi tmien xhur wara li bdiet din ir-relazzjoni, l-attrici indunat illi kienet harget tqila.  Hija xehdet illi dak iz-zmien ma kellha l-ebda relazzjoni ma xi hadd iehor u ghalhekk taf illi it-tarbija kienet tal-konvenut C D.  L-attrici kompliet tghid illi l-

konvenut C D ma riedx jaf bit-tarbija u beda relazzjoni ma mara ohra u lilha kien abbandunaha.

Ikkunsidrat :

Illi il-konvenut C D kellu jissottometti ruhu sabiex isiru it-testijiet tad-DNA, izda minkejja il-fatt illi gew iffissati zewg appuntamenti differenti ghal dan il-ghan, il-konvenut qatt ma tfacca.  Illi fil-verbal tat-28 ta’ Novembru 2011, l-avukat difensur tal-konvenut u il-konvenut, illi kien ukoll prezenti, qablu illi l-konvenut kien ser jissottometti ruhu sabiex isiru testijiet xjentifici tad-DNA.  Il-partijiet kienu qablu illi l-ispejjez jithallsu nofs bin-nofs bejniethom.

Il-Qorti rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA illi gie ikkonfermat minn Dr Marisa Cassar fid-9 ta’ Jr 2012 u rat illi mit-testijiet illi saru irrizulta illi il-konvenut C D karta ta’ l-identita numru 126266M huwa il-missier naturali tal-minuri J B.

Il-Qorti rat in-nota tal-konvenut C D tal-21 ta’ Marzu 2011 illi permezz taghha ta id-dettalji tieghu, kif talab il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut C D stante li gie ippruvat illi C D huwa il-missier naturali tal-minuri J B u stante ukoll illi l-konvenut C D qabel illi jhallas l-ispejjez tat-testijiet genetici nofs bin-nofs mal-attrici, izda il-Qorti ser tilqa l-eccezzjoni tal-konvenut C D fis-sens illi t-talba tal-attrici sabiex il-Qorti tordna lill-konvenut C D ihallasha manteniment ghall-minuri hija insostenibbli f’dan l-istadju peress illi l-ewwel il-partijiet iridu jghaddu minn process ta’ medjazzjoni.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti rat illi t-testijiet genetici saru.  Il-Qorti rat ukoll illi it-tieni eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku hija ukoll sorvolata peress illi l-konvenut C D pprezenta Nota bid-dettalji

personali tieghu u il-Qorti rat illi fir-rigward tat-tielet eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, peress illi l-partijiet waqt is-seduta tal-14 ta' Marzu 2012, qablu illi l-minuri J ghandu jibqa izomm il-kunjom B, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa l-ewwel zewg talbiet attrici, izda tichad it-tielet talba attrici ghar-ragunijiet imsemmija aktar 'il fuq f'dan il-gudikat u il-Qorti qeghda tordna ukoll illi l-minuri J ikompli izomm il-kunjom B.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bejn l-attrici u l-konvenut C D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------